MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GUDIKATURA KRIMINALI)
# KUMPILAZZJONIJIET - NORMALI

**MAGISTRAT DR.**
**LOFARO ABIGAIL LL.D., DIP. STUD. REL., MAG., JURIS (EU LAW)**

Seduta tad-19 ta' Novembru, 2002

Numru 32/1998

Il-Pulizija
(Spettur Nicholas Ciappara)
vs
Francis Degiorgio

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra l-imputat fuq imsemmi Francis Degiorgio, iben il-mejjet Nazzareno u Margaret nee’ Azzopardi, imwieled fil-11 ta’ April, 1966 u dententur tal-karta tal-identita numru 172966(M), li permezz taghhom huwa gie akkuzat talli f’dawn il-gzejjer fit-12 ta’ Awissu, 1996 u t-tlett xhur ta’ qabel din id-data, kellu fil-pussess tieghu d-droga eroina specifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap. 101 tal-Ligijiet ta’ Malta meta ma kienx fil-pussess ta’ awtorizazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-dispozizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima tal-Ordinanza u meta

ma kienx bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga fil-pussess tieghu u naqas li jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu ghall-uzu tieghu skond ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-regolament 8 tar-Regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzzi (G.N. 292/1939) kif sussegwentement ammendati u bi ksur tal-Ordinanza Dwar il-Medicini Perikoluzi Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

Ukoll talli f'dawn il-gzejjer fit-12 ta' Awissu, 1996, forna jew ipprokura jew offra li jforni jew li jipprokura d-droga eroina, specifikata fl-ewwel Skeda tal-Ordinanza Dwar il-Medicini Perikoluzi Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta lill-persuna/i jew ghall-uzu ta' persuna/i minghajr ma kellu licenzja mill-President ta' Malta, minghajr ma kien awtorizzat bir-Regoli tal-1939 ghall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (G.N. 292/1939) jew minn xi awtorita mghotija mill-President ta' Malta li jforni d-droga, u minghajr ma kien fil-pussess ta' awtorizazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-tabib Principali tal-Gvern, skond id-dispozizzjonijiet tas-6 Taqsima tal-Ordinanza msemmija u minghajr ma kellu licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura jew li jforni d-droga msemmija u minghajr ma kellu licenzja li jipprokura l-istess droga u dan bi ksur tar-regolament 4 tar-Regoli tal-1939, ghall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (G.N. 292/1939) kif sussegwentement ammendati u bi ksur tal-Ordinanza Dwar il-Medicini Perikoluzi Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

Ukoll talli f'dawn il-Gzejjer fit-12 ta' Awissu 1996 ikkommetta serq semplici ta' kartiera u s-somma ta' anqas minn LM50, ghad-dannu ta' Alexander Templeman.

Ukoll talli sar recidiv skond l-Artikoli 49 u 50 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, b'diversi sentenzi moghtija lilu mill-Qrati tal-Magistrati (Malta) fl-24 ta' April, 1992 Awla K u 18 ta'Marzu, 1994 Awla 9;

Rat l-Ordni tal-Avukat Generali tal-11 ta’ Ottubru, 1996 li permezz taghha bis-sahha tal-Artikolu 22 subartikolu (2) tal-Kap. 101 ordna li l-imputat fuq imsemmi jitressaq quddiem il-Qorti Kriminali sabiex iwiegeb ghall-akkuzi migjuba kontra tieghu ghall-ksur tal-provvedimenti tal-istess Ordinanza;

Rat il-kontro-ordni tal-Avukat Generali tat-28 ta’ Novembru, 2001 maghmula bis-sahha tal-Artikolu 22 subartikolu (2) u tal-Artikolu 31 tal-Kap. 101 li permezz taghha l-Avukat Generali ordna illi l-imputat fuq imsemmi jigi processat quddiem din il-Qorti fuq l-akkuzi migjuba kontra tieghu ghall-ksur tal-provvedimenti tal-Kap. 101;

Semghet lix-xhieda kollha li gew prodotti, inkluz l-imputat fuq imsemmi minn jeddu u bil-gurament;

Rat il-provi li tressqu, d-dokumenti esebiti u l-atti ta’ dan il-procediment;

Ikkunsidrat :

Illi l-fatti li taw lok ghall-imputazzjonijiet odjerni kienu s-segwenti :
Fit-12 ta’ Awissu, 1996 il-pulizija kienu gew infurmati illi certu Alexander Templeman kellu incident f’Hal Qormi u kien qieghed rikoverat l-isptar San Luqa. Templeman gie ezaminat u irrizulta li kien qed isofri minn overdose ta’ droga, aktarx eroina. Huwa hareg mill-isptar kontra l-parir mediku, gie arrestat mill-pulizija, saret tfittxija fil-vettura tieghu mill-pulizija u instabu diversi oggetti konnessi mal-abbuz tad-droga. Dawn kienu tlett siringi uzati, bicca lumija, kuccarina u flixken tal-whisky. Illi saret inkjesta magisterjali u Alexander Templeman kien irrilaxxja stqarrija lill-pulizija li fiha ammetta li kien ha l-eroina ftit qabel ma kien involut fl-incident tat-traffiku. Templeman f’din l-istqarrija qal lill-pulizija li kien qieghed id-Detox qabel l-incident, iltaqa u tkellem mal-imputat fuq imsemmi li kellu borza tal-plastik sewda u offrielu li ibieghlu ftit droga eroina. Skond Templeman huwa kien xtara din id-droga minghand l-imputat ghall-prezz ta’ hames liri (LM5). Dejjem skond Templeman l-imputat talbu biex iwasslu Hal

Qormi, Templeman accetta, pero' qallu biex jistennih ghaliex ried jidhol d-Detox sabiex jiehu l-metadone. Templeman kompla jghid lill-pulizija li kien pogga l-wallet tieghu fuq id-dashboard tal-karozza u dahal id-detox. Meta irritorna lejn il-vettura tieghu la sab lill-imputat u lanqas il-kartiera tieghu u ghalhekk assuma li l-imputat kien seraqlu l-wallet. Templeman kompla jghid lill-pulizija li meta wasal Hal-Qormi iddecieda li jmur f'post imwarrab fejn ha d-droga li kien xtara minghand l-imputat fuq imsemmi, dejjem skond Templeman. Templeman kien qal lill-pulizija li kien xtara s-siringa li instabet mill-pulizija mill-ispizjar illi hemm hdejn l-isptar. Huwa qal ukoll li fil-karozza kellu bicca lumija u kellu l-qiegh ta' bott tal-aluminium tal-iced tea. Huwa kien uza dawn l-affarijiet sabiex ifaqqa l-eroina. Templeman qal lill-pulizija li wara li ha d-droga intilef minn sensih u meta rega' gie f'sensih sab li kien qieghed fic-cella fl-ghassa tad-depot tal-pulizija. Sussegwentement Templeman ikkonferma din l-istqarrija illi ta' lill-pulizija quddiem il-Magistrat Inkwirenti.

Ikkunsidrat :

Illi l-imputat fuq imsemmi irrilaxxja stqarrija lill-pulizija fejn qal illi fit-12 ta' Awissu, 1996 ghall-habta tat-tmienja ta' filghodu mar id-detox u wara li kien ha l-mistura iltaqa ma Templeman. Tkellem mieghu u Templeman qallu illi t-tabib ma riedx jaghtih l-mistura u ghalhekk huwa kien ser jiehu l-ismack. L-imputat qal lil Templeman illi jekk Templeman kien dispost illi jaghtih id-droga huwa kien dispost jaghtih cappetta bhala hlas. Wara ftit iltaqghu ma persuna ohra li kien f'karozza Escort ta' lewn abjad. Dan ir-ragel gie maghhom fil-karozza ta' Templeman u flimkien marru l-Belt. L-imputat kompla jghid illi dak ir-ragel li gie maghhom kien ta' hames liri lil Templeman u meta waslu l-Belt Templeman nizel mill-karozza u mar icempel u wara telaq bil-mixi. Umbaghad gie lura u qalilhom li kien xtara d-droga. Templeman rega' saq, marru l-Marsa, faccata tas-showroom tal-Mitsubishi hdejn il-garages u hemm hekk huma t-tlieta faqqghu l-eroina. Skond l-imputat, Templeman kien xtara tlett pakketti, wiehed tal-hames liri u zewg pakketti ohrajn ma jafx ta' kemm. Pero' Templeman halla pakkett u dana peress illi huwa kien uza

pakkett wiehed. Templeman sajjar zewg pakketti flimkien u kellu f'borza sewda l-affarijiet biex isajjar l-eroina. Kellu ukoll lumija u wara li faqqghu d-droga Templeman heba dawn l-oggetti taht il-gear lever fil-vettura tieghu. L-imputat kompla jghid lill-pulizija illi jaf illi Templeman fil-kartiera kellu karta tal-ghaxar liri u karta taz-zewg liri u wara li xtara d-droga ma kellux aktar flus fil-kartiera. Wara li hadu d-droga Templeman rega wassalhom hdejn id-detox centre u dana peress illi r-ragel l-iehor kellu l-karozza hemm hekk u hu, jigifieri l-imputat, ried imur ghand ohtu li toqghod il-Gzira. L-imputat cahad katergorikament illi kien seraq il-kartiera ta' Templeman u cahad ukoll kategorikament li kien hu li kien biegh id-droga lil Templeman. Huwa qal illi kien anzi Templeman li kien ibieghlu d-droga. L-ewwel darba li bieghlu d-droga eroina Templeman kien madwar tlett xhur qabel meta l-imputat kien mar il-pjazza ta' Hal-Qormi ta' San Bastjan. Sussegwentement, l-imputat kien baqa jixtri d-droga minghand Templeman. Fil-fatt madwar xahar qabel Templeman kien cempillu u kien qallu li kien ser igiblu hames pakketti eroina. Kien gie ghandu permezz ta' truck tar-'readymix'. Minflok hamsin lira l-imputat kien tah erbghin lira u ghalhekk kien ghad fadallu jaghtih ghaxar liri. Ghalhekk ghall-ewwel huwa ried ibiegh ic-cappetta ta' ommu lil Templeman imma wara kien rega' bdielu. L-imputat stqarr ukoll mal-pulizija li l-ahhar darba li kien ha l-eroina kien dakinhar ma Templeman u ma dak ir-ragel tal-Escort.

Illi tela' jixhed f'dawn il-proceduri Marco Delia illi irrizulta lill-pulizija li kien ir-ragel illi kellu l-karozza Escort u dan ikkonferma illi kien mar id-detox u iltaqa ma tnejn minn nies, wiehed minnhom kien l-imputat fuq imsemmi u l-iehor Templeman. Delia xehed illi Templeman kien staqsih jekk kienx ghadu jiehu d-droga. Huwa qallu iva u hu, Templeman u l-imputat dahlu fil-karozza ta' Templeman u marru l-Furjana fejn Templeman mar jixtri d-droga. Delia xehed illi huwa ta l-flus lil Templeman, tah xi hames liri. Pero' l-imputat ma tahx flus ghaliex ma kellux. Delia kompla jixhed illi meta Templeman irritorna bil-pakketti tad-droga marru fl-imwarrab u hadu d-droga flimkien. Delia xehed illi l-imputat kien ser ibiegh cappetta

tad-deheb lil Templeman u dana sabiex ihallsu ghad-droga. Huwa xehed ukoll illi ra l-kartiera ta’ Templeman u kompla jghid illi waqt illi kien hemm hu ma ra lil hadd jisraq flus minn din il-kartiera u lanqas ma sema lil Templeman jghid li kienu serqulu l-kartiera. Ix-xhud kompla jghid illi Templeman kien ghamel telefonata mil-Belt u dana sabiex jixtri d-droga. Delia kompla jixhed illi wara li kienu hadu d-droga Templeman kien rega’ wasslu lura d-detox u xi hadd minnhom ukoll dahal id-detox.

Illi Alexander Templeman ma xehedx f’din il-kawza u dana peress illi kien hemm proceduri penali pendenti fil-konfront tieghu. Sussegwentement Alexander Templeman miet fil-mori ta' dawn il-proceduri. Il-Qorti kull ma ghandha ghalhekk hija l-istqarrija li kien irrilaxxja Alexander Templeman lill-pulizija fit-13 ta’ Awissu, 1996, liema stqarrija huwa kien ghazel li jikkonferma quddiem il-Magistrat Inkwirenti Dr Antonio Micallef Trigona.

Illi inter alia f’din l-istqarrija Alexander Templeman kien qal illi l-imputat fuq imsemmi kien seraqlu l-wallet u illi f’dan il-wallet huwa kellu tnejn u tletin lira. Templeman kien qal ukoll f’din l-istqarrija illi qabel ma kien dahal id-detox ghall-mistura kien xtara pakkett tal-hames liri minghand l-imputat fuq imsemmi.

Il-Qorti kellha l-opportunita wkoll illi tezamina l-istqarrija ta’ Marco Delia illi kif diga intqal xehed f’dawn il-proceduri, liema stqarrija Marco Delia kien ukoll ghazel illi jikkonfermaha quddiem il-Magistrat Inkwirenti.

Illi l-Qorti rat illi f’din l-istqarrija Delia kien qal illi kien Templeman illi kien bieghlu d-droga u mhux l-imputat. Huwa kien hallsu hames liri ghal din id-droga. Delia kien stqarr illi kien Templeman li hallat u ipprepara d-droga u kellu wkoll l-oggetti necessarji per ezempju is-siringi, kuccarina u l-oggetti l-ohrajn illi uza biex sajjar id-droga. Delia stqarr illi dawn l-oggetti kien mohbijin fejn il-gear lever tal-karozza ta’ Templeman. Huwa qal ukoll illi t-tlieta li huma kienu hadu d-droga flimkien u wara Templeman kien wassalhom lura lejn id-detox centre. Delia kien qal ukoll illi fl-ebda hin ma ra lill-imputat jiehu l-wallet ta’

Templeman. Marco Delia ikkonferma l-istqarrija li kien irilaxxja lill-pulizija u li kien ikkonferma quddiem il-Magistrat Inkwerenti ukoll f'dawn il-proceduri u dan waqt is-seduta tad-9 ta' Frar, 2000.

Illi xehed l-imputat fuq imsemmi f'dawn il-proceduri u qal illi meta inqala l-incident in kwistjoni kien qieghed hdejn id-detox centre l-isptar u iltaqghu tlieta minn nies, hu, Alexander Templeman u Marco Delia. Huwa qal illi flus fuqu ma kellux u kien qalilhom li biex ihallas tad-droga kien ser igib xi cappetti ta' ommu. Pero' Delia qallu biex ma jaghmilx hekk u xtara d-droga hu. L-imputat kompla jixhed illi huma t-tlieta hadu d-droga flimkien l-Furjana, umbaghad Templeman kien rega wassalhom l-isptar u infirdu. L-imputat rega' cahad kategorikament illi qatt kien biegh xi droga u qal illi kien Templeman illi kien xtara d-droga. L-imputat ukoll cahad kategorikament illi kien seraq il-kartiera illi kellu Templeman. L-imputat wara li inqratlu l-istqarrija li kien irilaxxja lill-pulizija ikkonfermaha bil-gurament f'dawn il-proceduri.

Ikkunsidrat :

Illi dwar l-ewwel akkuza dik ta' pussess ta' droga eroina l-imputat mal-ewwel ammetta din l-akkuza kemm fl-istqarrija li irilaxxja lill-pulizija u kif ukoll anke meta xehed f'dawn il-proceduri u ghaldaqstant huwa ghandu jinsab hati ta' din l-akkuza u dana wara illi l-Qorti rat id-disposizzjonijiet tar-raba' u tas-sitt taqsima tal-Kap. 101, ir-regolament 8 tar-regoli tal-1939 dwar il-kontroll intern tad-drogi perikoluzi, Notifikazzjoni tal-Gvern 292/1939, l-Artikolu 22 u l-Artikolu 22 subartikolu (2) paragrafu (b) subparagrafu (2) tal-Kap. 101 u ghalhekk l-Qorti qeghda tikkundanna lill-imputat fuq imsemmi misjub hati ta' din l-ewwel imputazzjoni ghall-prigunerija ta' tlett xhur illi minnha ghandu jitnaqqas kull zmien illi l-imputat ghamel taht arrest preventiv.

Illi dwar it-tieni imputazzjoni dik ta' traffikar il-Qorti tara li din l-akkuza ma giet ippruvata sal-grad rikjest mil-Ligi u dana peress illi l-unika prova in sostenn ta' din l-akkuza hija l-istqarrija illi kien ghamel lill-pulizija Alexander

Templeman, liema stqarrija huwa kien ikkonferma wkoll bil-gurament quddiem il-Magistrat Inkwirenti fejn huwa kien qal illi kien xtara d-droga minghand l-imputat. L-imputat kien ukoll irrilaxxja stqarrija fejn kien cahad kategorikament illi kien ghamel hekk u in sostenn tax-xhieda tal-imputat kien irrilaxxja wkoll stqarrija li wkoll kien ikkonferma bil-gurament quddiem il-Magistrat Inkwirenti Marco Delia, fejn kien qal illi kien Templeman illi kien biegh id-droga lilu u lill-imputat u li l-imputat qatt ma kien biegh droga lil hadd.

Illi inoltre l-imputat kien ghazel illi jixhed fil-proceduri illi kien hemm pendenti quddiem Alexander Templeman, illi illum huwa mejjet, mentri Templeman kull meta tressaq mill-Prosekuzzjoni sabiex jixhed f'din il-kawza dejjem ghazel illi ma jixhidx peress illi kien hemm il-possibilita illi jinkrimina ruhu.

Illi Delia xehed ukoll f'dawn il-proceduri kif ghamel ukoll l-imputat u Delia ikkollabora u ikkonferma kompletament ix-xhieda illi ta l-imputat u l-verzjoni tieghu.

Illi ta' minn jghid ukoll illi l-imputat dejjem baqa konsistenti fil-verzjoni illi ta u ghaldaqstant hija ferm aktar kredibbli x-xhieda tieghu minn dik ta' Alexander Templeman. Ghaldaqstant il-Qorti qeghda tillibera lill-imputat fuq imsemmi mit-tieni imputazzjoni.

Illi ghall-istess ragunijiet il-Qorti tillibera ukoll lill-imputat mit-tielet imputazzjoni, dik ta' serq semplici.

Il-Qorti tiddikjara in oltre illi gie ippruvat mill-Prosekuzzjoni illi l-imputat huwa recidiv ai termini tal-Artikoli 49 u 50 tal-Kap. 9.

Illi in riassunt l-imputat qieghed jigi misjub hati tal-ewwel imputazzjoni u qieghed jigi ikkundannat tlett xhur prigunerija illi minnhom ghandu jitnaqqas kull zmien illi huwa ghamel taht arrest preventiv u qieghed jigi liberat mit-tieni u mit-tielet imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu.

(ft) Rita Mangion

Deputat Registratur

Vera kopja,

Deputat Registratur